**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 25 ta' Novembru, 2020**

**Rikors Numru: 261/2012 MLF**

**Lufthansa Technik (Malta) Limited**

**vs**

**Leonard Sacco**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha is-somma ta' ghaxart eleft Euro (€10,000) dovuti wara li gie ffirmat '*bond agreement'* bejn il-partijiet fejn l-intimat inghata tahrig ghas-spejjez tar-rikorrent u ntrabat li jibqa' fl-impjieg mar-rikorrent ghal hames snin wara l-*probation* izda l-intimat naqas milli jaghmel dan u ghalhekk ai termini tal-ftehim gie dovut l-ammont fuq imsemmi

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut.

**2.** Rat ir-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-konvenut jaqbel illi gie ffirmat '*bond agreement*', liema '*bond agreement'* qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok A. Illi f'dan il-'*bond agreement*' l-eccipjenti intrabat sabiex jigi imharreg ghal-perjodu ta' bejn sitt/seba' xhur bejn Marzu u Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fejn il-haddiem jiggarantixxi li jibqa' jahdem mal-kumpanija attrici sa mill-inqas hames snin mill-gheluq tal-'*probation*';

2. Illi l-konvenut hadem mal-kumpanija attrici mill-hdax (11) ta' Marzu elfejn u tmienja (2008) sas-sittax (16) ta' Settembru elfejn u disgha (2009) fejn l-istess kumpanija attrici kienet hi stess li tterminat l-impjeg tieghu! Huwa fil-fatt ried jibqa' jahdem. Illi ghalhekk skond il-'*bond agreement*' sabiex il-konvenut jkollu jhallas l-ghaxart' elef Ewro (€10,000) lil kumpanija attrici, huwa kellu jitlaq mix-xoghol hu stess u mhux jigi mkecci – kif fil-fatt gara;

3. Illi ghaldaqstant, il-konvenut kien instiga proceduri ta' tkeccija ingusta fil-konfront tas-socjeta' attrici quddiem it-Tribunal Industrijali imma l-eccipjenti ttermina l-proceduri peress li dak iz-zmien kien ghaddej minn separazzjoni personali minn ma' martu u ghalhekk ma kellux mohh jkompli bil-kawza kif ukoll ghall-fatt li l-kumpanija attrici accettat li tiktiblu '*referral letter*' tajba sabiex ikun jista' jsib impjieg iehor, liema kopja qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok B. Mid-decizjoni numru 2037 tat-Tribunal Industrijali (liema kopja qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok C) fil-kaz numru 2743/LC fl-ismijiet *Leonard Sacco vs Lufthansa Technik Malta Ltd*, il-kumpanija attrici stqarret: 'Illi sussegwentement il-kumpanija intimata pprezentat risposta fis-16 ta' Settembru 2010 permezz ta' l-avukat Andrew Borg Cardona, fejn gie indikat li fit-3 t'Awwissu 2009 kien hemm glieda bejn zewg impjegati li kienu Leonard Sacco u Tyron Camilleri, u dan wara li l-imsemmi Tyron Camilleri ghamel cajta goffa fuq Leonard Sacco. Sar process dixxiplinari fejn iz-zewg impjegati kellhom jitkeccew'. Jidher car bizzejjed u dan johrog mill-kliem tal-kumpanija attrici stess li r-raguni vera ma kienetx rizenja u l-konvenut accetta li jaqbel li kienet rizenja ghas-semplici raguni li huwa ried ittra ta' '*referral*' tajba, peress li skond l-ETC huwa gie '*dismissed on disciplinary grounds*' kif juri d-dokument hawn anness u mmarkat Dok D, u ghalhekk kienet se tkun difficli minghajr ittra ta' '*referral*' tajba li jsib impjeg tajjeb. Din l-ittra ta' '*referral*' kienet sa dak in-nhar giet innegata lilu. Huwa ried ukoll jaghlaq il-proceduri kemm jista' jkun malajr peress li kien ghaddej minn separazzjoni personali minn ma' martu u ghalhekk kien zmien vera ikrah ghalih;

4. Illi nonostante dan kollu li gie hawn fuq permess, qieghed jigi hawn anness Dok E, li huwa affidavit ta' Nicholas Baldacchino (27392 M) li huwa s-segretarju tat-taqsima manifattura, I.T. u settur privat ta' l-*Union* Haddiema Maghqudin fejn hu kien ha hsieb il-Kaz Numru 2728/HW 2126 fl-ismijiet *Union* Haddiema Maghqudin vs Lufthansa Technik Malta. Illi fl-affidavit Nicholas Baldacchino jistqarr hekk fil-paragrafu mmarkat bin-numru tnejn (2) fl-affidavit: 'Nispjega illi waqt laqgha ufficcjali illi kienet saret mac-Chief Executive Officer tal-Lufthansa illi dak iz-zmien kien is-Sur Louis Giordimaina fil-prezenza ta' ufficjali ohrajn tal-kumpanija fosthom John Borg Costanzi u ukoll fil-prezenza ta' membri tal-kumitat tal-haddiema tal-*Union* fosthom Ian Grech u Elton John Agius, fejn f'din il-laqgha l-istess C.E.O. qajjem il-punt dwar is-sezzjoni tal-'*painters*' fejn il-kumpanija stqarret illi kienet tal-fehma illi min minn dawn l-impjegati (u cioe' tal-'*painters*') ried jitlaq setgha jaghmel dan minnufih. Meta mistoqsi mill-*Union* jekk il-fatt illi huma jitilqu kienetx ser tikkostitwixxi ksur tal-'*bond agreement'* l-istess C.E.O. ikkonferma illi l-kumpanija ma kienetx ser tfittex lil dawn il-haddiema dwar l-istess '*bond agreement'.* Illi l-konvenut kellu x-xoghol ta' '*painter'* ghalhekk dan il-paragrafu jghodd ghalih. Illi dan il-ftehim jikkonstitwixxi fi ftehim verbali, fejn qieghed jigi mmodifikat l-ftehim bil-miktub u dana jghodd daqs li kieku sar bil-miktub. Modifikazzjoni b'mod verbali ta' ftehim bil-miktub huwa rikonoxxut. Illi ghalhekk, jidher car bizzejjed illi kien hemm modifikazzjoni verbali tal-ftehim bil-miktub tal-*'bond agreement'* peress li din saret b'mod verbali bejn is-C.E.O. Louis Giordimaina u Nicholas Baldacchino li kien qieghed jirraprezenta u jagixxi ghan-nom ta' haddiema tal-Lufthansa, fosthom, l-konvenut;

5. Illi fil-kaz in ezamini l-konvenut huwa '*painter*' li fil-verita' gie imkecci minn xogholu u mhux irrizenja. Illi nonostante dan kollu, bejn ic-C.E.O. tal-Lufthansa, is-Sur Louis Giordimaina u Nicholas Baldacchino ghan-nom tal-haddiema tal-Lufthansa fosthom l-konvenut, l-'*bond agreement*' gie mmodifikat verbalment fejn gie mifthiem illi l-'*painters'* jistghu jitilqu minn mal-Lufthansa u ma jhallsux is-somma ta' ghaxart' elef Ewro (€10,000). Illi ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda *in toto* u l-konvenut m'ghandux jbati l-ispejjez tal-kawza odjerna kif ukoll tal-mandat kawtelatorju u l-interessi ghar-ragunijiet fuq premessi.

**3.** Semghet ix-xhieda u rat d-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

**4.** Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**5.** Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

**6.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Il-konvenut beda' l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici bhala *Trainee Tradesman Spray Painter*' fuq bazi *full-time* fit-12 ta' Marzu 2008.[1] Jumejn qabel, u cioe' fl-10 ta' Marzu 2008 il-partijiet iffirmaw *bond agreement* fejn gie maqbul li s-socjeta' attrici kienet ser tinvesti fil-konvenut billi tipprovdilu tahrig ta' diversi xhur barra mill-pajjiz, u l-konvenut iggarantixxa li kellu jibqa' fl-impjieg mas-socjeta' attrici ghal perjodu ta' hames snin mill-gheluq tal-*probation.* In oltre, il-konvenut intrabat li jhallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' ghaxar t'elef Ewro (€10,000) fl-eventwalita' li jiddeciedi li jittermina l-impjieg tieghu qabel ma' jiskadi dan it-terminu. Il-partijiet rilevanti ta' dan il-*bond agreement* jaqraw testwalment hekk:

   "*It is agreed between the company, Lufthansa Technik Malta, and the above-mentioned employee that in consideration of the company's investment in the training of the said employee leading to the acquisition of skills in spray painting on aircraft, ... the employee guarantees that he / she shall remain in employment with the company for at least five (5) years from date of end of probation.*

   *The bond will be effective for a five (5) years period and in the event that the employee terminates his/her employment with the company prior to the expiry of this period, the employee will be liable to pay the company the total agreed bond amount."* [2]

[1] Ara l-ittra ta' referenza a *fol.* 10 tal-process u l-*Employment History* a *fol.* 82 tal-process.
[2] Ara l-*bond agreement* a *fol.* 23 tal-process.

2. Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-konvenut inghata tahrig a spejjez tas-socjeta' attrici gewwa il-Germanja.[3] Lanqas huwa kkontestat li l-impjieg tal-konvenut gie terminat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Settembru 2009, u dan b'konsegwenza ta' proceduri ta' dixxiplina li ttiehdu fil-konfront tieghu wara li kien involut fi glieda ma' Tyron Camilleri, impjegat iehor tas-socjeta' attrici.[4] Din it-terminazzjoni giet registrata mal-*Employment and Training Corporation* bhala *Dismissed on Disciplinary Grounds*.[5]

3. Sussegwentement, il-konvenut kien ikkontesta din it-tkeccija permezz ta' proceduri intavolati quddiem it-Tribunal Industrijali, liema proceduri gew terminati wara li l-partijiet iddikjaraw li l-konvenut kien irrizenja mill-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici. Ghab-bazi ta' din id-dikjarazzjoni, permezz ta' decizjoni datata 23 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet *Leonard Sacco vs. Lufthansa Technik Malta Ltd* it-Tribunal Industrijali iddikjara li l-impjieg tar-rikorrenti gie terminat bir-rizenja tieghu stess u ikkonkluda li ghalhekk ma kienet tirrizulta ebda tkeccija ingusta.[6]

4. Il-konvenut xehed li fil-mori tal-proceduri pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali, kien intlahaq ftehim bejnu u bejn is-socjeta' attrici sabiex jitwaqqfu dawk il-proceduri billi ssir dikjarazzjoni bejniethom li l-impjieg tieghu minn mas-socjeta' attrici kien intemm b'rizenja u l-kaz jinghalaq. Spjega li huwa acetta dan il-ftehim kemm ghaliex fl-istess zmien kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni personali minn ma' martu, u kif ukoll ghaliex in kambju s-socjeta' attrici accettat li tatih ittra ta' referenza tajba sabiex ikun jista' jsib impjieg iehor.[7]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**7.** Permezz tal-proceduri odjerni, is-socjeta' attrici qeghda titlob il-kundanna tal-konvenut ghall-ammont ta' ghaxar t'elef Ewro (€10,000) u dan ghab-bazi ta' *bond agreement* iffirmat

---

[3] Ara l-affidavit tal-konvenut a *fol.* 89 tal-process.
[4] Ara l-affidavit ta' Claude Frendo a *fol.* 21 tal-process u l-affidavit tal-konvenut a fol. 89 tal-process.
[5] Ara l-Employment History a *fol.* 82 tal-process.
[6] Ara d-decizjoni tat-Tribunal Indusrijali a *fol.* 55 tal-process.
[7] Ara l-ittra ta' referenza immarkata bhala Dok B a *fol.* 10 tal-process.

bejnha u bejn il-konvenut li permezz tieghu il-konvenut kien intrabat li jibqa' fl-impjieg taghha ghal hames snin wara l-*probation.* Tikkontendi li ladarba l-konvenut naqas milli jaghmel dan, huwa ghandu jigi kundannat ihallasha dan l-ammont *ai termini* ta' dan il-bond agreement.

*L-Ewwel, t-Tieni u t-Tielet Eccezzjonijiet tal-Konvenut – Ma hemmx ksur tal-bond agreement stante li l-impjieg gie terminat mis-socjeta' attrici u mhux mill-konvenut*

**8.** L-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenut ser jigu kkunsidrati flimkien stante li huma instrinsikament marbutin ma' xulxin. Permezz ta' dawn l-eccezzjonijiet il-konvenut jecepixxi li ghab-bazi tal-*bond agreement* huwa intrabat u ggarantixxa li jibqa' jahdem mas-socjeta' attrici ghal perjodu ta' hames snin mill-gheluq tal-'*probation*'. Jinsisti li madankollu sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi kellu jkun hu li jittermina l-impjieg tieghu u mhux kif gara f'dan il-kaz li l-impjieg jigi terminat mis-socjeta' attrici stess.

**9.** Mill-atti processwali ma hemm l-ebda dubju li l-impjieg tal-konvenut gie terminat mis-socjeta' attrici wara li l-konvenut kien involut fi glieda ma' kollega tieghu fuq il-post tax-xoghol. Dan mhux biss ghax hekk xehed il-konvenut, izda wkoll ghaliex dan il-fatt gie ammess mir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici li xehedu f'dawn il-proceduri. F'dan ir-rigward, Claude Frendo, *Chief Officer Human Resources* fi hdan is-socjeta' attrici xehed illi "*Kien hemm okkazzjoni partikolari fejn Leonard Sacco u Tyron Camilleri kienu gew fl-idejn fuq il-post tax-xoghol. Huma kienu gew sospizi u ghaddew proceduri dixxiplinari. Sussegwentement il-Bord ta' dixxiplina kien sabhom hatja tal-glied fuq il-post tax-xoghol u l-impjieg taghhom kien gie terminat. Din l-istess decizjoni kienet ratifikata mill-Bord tal-Appell.*"[8] Finalment dan il-fatt gie wkoll ikkonfermat minn Joseph Saliba, rapprezentant tal-*Employment and Training Corporation* li esebixxa l-*Employement History* tal-konvenut minn fejn jirrizulta li l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici kien gie terminat ghaliex gie mkecci ghal ragunijiet dixxiplinari.[9]

**10.** Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, s-socjeta' attrici tressaq l-argument li ladarba fid-decizjoni tieghu t-Tribunal Industrijali ddikjara li l-impjieg gie terminat bir-rizenja tal-konvenut, il-kwistjoni dwar it-tmiem tal-impjieg tieghu hija *res judicata* u ma tistax tigi

[8] Ara l-affidavit ta' Claude Frendo a *fol.* 21 tal-process. F'dan is-sens ara wkoll ix-xhieda moghtija in kontro-ezami minn John Borg Costanzi, *Head of Production* fi hdan is-socjeta' attrici a *fol.* 60 tal-process.
[9] Ara x-xhieda ta' Joseph Saliba a *fol.* 79 tal-process u l-*Employment History* a *fol.* 82 tal-process.

interpretata b'mod differenti minn din il-Qorti.[10] Gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna li sabiex tintlaqa' l-eccezzjoni, jew f'dan il-kaz sottomissjoni, ta' *res judicata* huwa essenzjali li s-sentenza li jkun qieghed jigi eccepit illi ddecidiet il-kwistjoni bejn il-partijiet tkun giet moghtija f'kawza bejn l-istess persuni (*aedem personae*) fuq l-istess oggett (*aedem res*) u ghall-istess kawzali (*aedem causa petendi*). Dawn it-tlett rekwiziti huma kumulattivi u mhux alternattivi bil-konsegwenza li ghandhom jigu sodisfatti t-tlieta li huma sabiex din l-eccezzjoni tigi milqugha.

**11.** F'dan il-kaz huwa evidenti li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali li ghaddiet in gudikat kienet bejn l-istess partijiet fil-kawza oderjna. Pero' l-Qorti tirrileva li huma mankanti kemm l-element ta' *aedem res* u kif ukoll l-element ta' *aedem causa petendi*, stante li filwaqt illi l-kaz deciz mit-Tribunal Industrijali kien jitratta it-tkeccija tal-konvenut mill-impjieg tieghu, il-kawza odjerna titratta talba tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jigi kkundanant ihallasha somma flus ghab-bazi ta' kuntratt iffirmatt bejniethom. It-talba tas-socjeta' attrici f'din il-kawza hija intrinsikament distinta minn dik li giet deciza mit-Tribunal Industrijali u dan stante illi filwaqt li f'dak il-kaz it-Tribunal Industrijali gie mitlub jiddetermina jekk it-tkeccija tal-konvenut kienitx wahda gusta o meno, fil-kaz odjern l-indagini li trid taghmel din il-Qorti hija jekk kienx hemm ksur da parti tal-konvenut ta' obbligu kuntrattwali li ghandu jwassal ghall-kundanna tieghu kif qeghda titlob is-socjeta' attrici. Ghaldaqstant huwa evidenti li dawn il-proceduri ma jittrattawx la l-istess oggett u lanqas l-istess kawzali tal-kaz li kellu quddiemu t-Tribunal Industrijali u konegwentement din is-sottomissjoni tas-socjeta' attrici ma hijiex gustifikata

**12.** Ghal din il-Qorti, il-fatt li fil-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali il-partijiet iddikjaraw li l-konvenut kien irrizenja mill-impjieg tieghu ma ghandu ebda effett fuq ir-rizultanzi tal-kawza odjerna, u dan tenut kont tal-fatt li l-verzjonijiet tal-partijiet f'dawn il-proceduri jaqblu fis-sens li l-impjieg tal-konvenut gie mitmum mis-socjeta' attrici wara proceduri dixxiplinari li ttiehdu fil-konfront tieghu u mhux ghaliex il-konvenut irrizenja. Din il-Qorti ma tistax twarrab dawn ir-rizultanzi ghab-bazi ta' dikjarazzjoni maghmula mill-istess partijiet fi proceduri distinti minn dawk odjerni, anke ghaliex il-Qorti tqis li hija verosimili l-verzjoni tal-konvenut li tali dikjarazzjoni kienet saret wara li kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet sabiex dak il-kaz jigi konkluz b'mod bonarju.

[10] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici a *fol.* 116 tal-process.

**13.** Stabbilit li l-impjieg tal-konvenut gie mitmum mis-socjeta' attrici u mhux bir-rizenja tal-konvenut, imiss li jigi determinat jekk kienx hemm ksur da parti tal-konvenut tal-*bond agreeme*nt li ghandu jwassal ghal kundanna tieghu kif qeghda titlob is-socjeta' attrici. Minn qari ta' dan il-*bond agreement*, jirrizulta b'mod car illi permezz ta' dan il-ftehim il-konvenut iggarantixxa li jibqa fl-impieg ghal perjodu ta' hames snin wara li jigi terminat il-*probation*. In oltre, il-konvenut intrabat li jirrifondi l-ispejjez li s-socjeta' attrici kienet ser tinkorri ghat-tahrig tieghu, liema spejjez gew maqbula li kellhom ikunu fis-somma ta' €10,000, f'kaz li l-konvenut jittermina l-impieg tieghu minn jeddu qabel l-eghluq taz-zmien miftiehem.

**14.** Is-socjeta attrici tikkontendi illi dana il-ftehim irid jinqara fis-sens li l-konvenut obbliga ruhu li jaghmel minn kollox sabiex jibqa' fl-impjieg mas-socjeta' attrici u ghalhekk meta dahal fi glieda ma' kollega tieghu huwa naqas minn dan l-obbligu stante li messu kien jaf li f'dak il-kaz il-konsegwenza kienet ser tkun illi huwa kien ser jigi mkecci mill-impjieg tieghu, u konsegwentement ma kienx ser ikun f'posizzjoni li jonora l-obbligu assunt minnu fil-*bond agreement*.

**15.** Fil-Kodici Civili taghna insibu diversi disposizzjonijiet li jitrattaw il-kuntratti u l-obbligazzjonijiet naxxenti minnhom. Partikolarment rilevanti ghal kaz odjern huma dawk li nsibu fl-artikolu 992(1) li jipprovdi li "*il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom*", l-Artikolu 993 li jipprovdi illi "*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwità, bl-uzu jew bil-ligi.*", u l-Artikolu 1002 li jipprovdi li "*Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni*."

**16.** Dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi gew applikati b'mod kostanti mill-Qrati taghna li ripetutament irritenew li l-pattijiet kuntrattwali ghandhom jigu rispettati stante li dawn jirriflettu l-volonta' tal-partijiet fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt. Fis-sentenza fl-ismijiet **Gloria Beacom vs AIC Anthony Spiteri Staines** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998 gie ritenut li "*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratt jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kuntrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraent kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali w trid tigi osservata. Pacta sunt servanda.*"

**17.** Fil-fehma ta' din il-Qorti t-termini ta' dan il-*bond agreement* huma cari. It-tieni paragrafu ta' dan il-ftehim, li ghab-bazi tieghu qed issir din il-kawza, jispecifika li l-hlas ta' €10,000 ikun dovut mill-impjegat f'kaz li hu "*fails to fulfil the terms of the bond agreement mentioned above*" u "*in the event that the employee terminates his/her employment with the company prior to the expiry of this period the employee will be liable to pay the company the total agreed bond amount*".[11] Il-Qorti tqis li ma jista' jkun hemm ebda interpretazzjoni mod iehor ta' din il-klawsola ghajr li l-hlas tas-somma pretiza kien ikun dovut f'kaz li matul il-perjodu miftiehem, l-impjegat jonqos mill-obbligu tieghu li jibqa' fl-impjieg tas-socjeta' u volontarjament jiddeciedi li jittermina l-impjieg tieghu.

**18.** Kif gie osservat aktar il-fuq f'din is-sentenza, f'dan il-kaz ma kienx il-konvenut li ttermina l-impjieg tieghu izda kienet is-socjeta' attrici li tterminatlu l-impjieg wara li kienu ttiehdu proceduri dixxiplinari fil-konfront tieghu. Il-Qorti ma tistax tilqa' l-argument avvanzat mis-socjeta' attrici li l-konvenut messu kien jaf li jekk kien ser jidhol fi glieda ma' kollega tieghu, huwa kien ser jigi mkecci u b'hekk kien ser ikun obbligat ihallas is-somma mifthiema fil-*bond agreement*. Fl-ewwel lok, dan ma huwiex xi kaz fejn jista' jigi applikat il-principju maghruf bhala *ignorantia juris neminem excusat*, stante li ma hemm ebda dizpozizzjoni fil-ligijiet taghna li timponi t-terminazzjoni tal-impjieg f'kull kaz ta' glied fuq il-post tax-xoghol. Ghalhekk jekk is-socjeta' attrici kellha din ir-regola ghall-impjegati taghha, kien jinkombi fuqha l-oneru li tipprova li hija kienet gharrfet lill-konvenut x'kellhom ikunu l-konsegwenzi f'tali eventwalita'. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li s-socjeta' attrici ghamlet dan.

**19.** Fit-tieni lok, il-*bond agreement* ma jipprevedix obbligu ghal hlas fuq il-konvenut f'kaz li huwa jigi mkecci mill-impjieg tieghu. Jekk l-intenzjoni tas-socjeta' attrici fil-mument tal-firma tal-kuntratt kienet li l-obbligu ghall-hlas fuq il-konvenut ikun estiz anke f'kaz ta' tkeccija, kien jispetta lilha li tinkludi din il-eventwalita' b'mod car fid-dicitura tal-kuntratt. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-garanzjia li ta l-konvenut kienet marbuta mad-decizjoni volontarja tieghu li jitlaq mill-impjieg. Ladarba jirrizulta li ma kienx il-konvenut li telaq mill-impjieg izda kienet is-socjeta' attrici li tterminatlu l-impjieg, il-konvenut ma ghandux jirrifondi s-somma ta' €10,000 msemmija fil-*bond agreement*.

[11] Ara l-*bond agreement* a *fol.* 23 tal-process.

**20.** Ghaldaqstant l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenut ser jigu milqugha. In vista ta' dan, ikun inutli li din il-Qorti tinoltra ruhha fl-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut fir-risposta tieghu.

**Konkluzjoni**

**21.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghdha:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenut;

2. Tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut;

3. Konsegwentement tichad it-talba tas-socjeta' attrici fit-totalita taghha.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mis-socjeta' attrici.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**